MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 46/2010/1

**Anthony Camilleri f'ismu proprju u bħala mandatarju ġenerali ta' oħtu assenti minn dawn il-gżejjer Carmen Xuereb, John Camilleri, Agnes Camilleri f'isimha proprju u f'isem binha assenti minn dawn il-gżejjer David Camilleri, Kevin Camilleri u Natalie miżżewġa lil Manuel Hili u Michael Camilleri**
***versus***
**Avukat Ġenerali u Maria Camilleri, Lilian Gatt u Mary Louise Muscat**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax igħidu illi nkiser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bi ksur tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni].

2. L-atturi fissru illi huma kienu fetħu kawża[1] dwar wirt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u talbu illi l-qorti (i) tgħid illi testmenti magħmula mill-mejta *de cuius* ma jiswewx għax inkisbu b'qerq u bi vjolenza, (ii) jekk ma tilqax l-ewwel talba, tgħid illi l-legati mħollija mit-testatriċi *du cuius* jaqbżu s-sehem li minnu setgħet tiddisponi, (iii) tistabilixxi s-sehem li setgħet tiddisponi minnu, u (iv) tordna illi l-legati jitnaqqsu sa dak is-sehem li minnu setgħet tiddisponi t-testatriċi.

3. Il-konvenuti f'dik il-kawża ressqu eċċezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi u b'sentenza tat-23 ta' Mejju 2008 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ċaħdet dik l-eċċezzjoni u ordnat illi jitkompla s-smigħ. Il-konvenuti appellaw u l-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-23 ta' Settembru 2009 laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza appellata, laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

4. L-atturi mbagħad fetħu din il-kawża tallum. Igħidu illi kellhom igħaddu tnax-il sena biex jiġi deċiż "punt legali preliminari", *viz.* jekk huma kellhomx interess ġuridiku biex imexxu bl-azzjoni ċivili. Igħidu illi tnax-il sena biex jiġi determinat punt legali preliminari ma huwiex żmien raġonevoli. Igħidu wkoll illi ma ngħatawx smigħ xieraq għax "il-forma tħalliet tipprevalixxi fuq is-sustanza tad-dritt". Għalhekk talbu illi l-qorti (i) tgħid illi "ma kienx hemm proċess ċivili fi żmien raġonevoli", bi ksur tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u (ii) tagħti "rimedji effettivi u … kumpens xieraq".

5. L-Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni preliminari illi r-rikors kostituzzjonali tal-atturi huwa wieħed frivolu u vessatorju u abbuż tal-proċess ġudizzjarju għax "mhux għajr appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Settembru 2009" u għax l-atturi qegħdin jinqdew bi proċedura straordinarja meta setgħu nqdew bir-rimedju ta' ritrattazzjoni sabiex iħarsu l-jeddijiet tagħhom. Fil-meritu, igħid illi ma hemm ebda ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.

[1] Ċitazzjoni numru 135/1997.

6. Il-konvenuti l-oħrajn – li kienu wkoll konvenuti fil-proċeduri ċivili – ressqu eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju u, fil-meritu, wieġbu illi ma kien hemm ebda ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.

7. L-ewwel qorti, b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2012 li minnha sar dan l-appell, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminarji tal-konvenuti, ċaħdet ukoll it-talbiet tal-atturi. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tiċħad it-talbiet tal-atturi ġew minnha mfissra hekk:

«Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija li bil-fatt illi kellhom igħaddu tnax-il sena sabiex il-kawża fl-ismijiet Anthony Camilleri *pro et noe vs* Maria Camilleri *et* istitwita minnhom fl-10 ta' Lulju 1997 tkun deċiża sal-istadju tal-appell fuq punt legali preliminari u *cioè* l-eżistenza *o meno* ta' interess ġuridiku fir-rikorrenti sabiex jippromwovu dik l-azzjoni ma kienx żmien raġonevoli kif trid il-liġi, kien ta' preġudizzju serju għalihom u lesiv għad-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq kif imħares mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni"). Għalhekk wara li talbu minn din il-qorti dikjarazzjoni f'dak is-sens, ir-rikorrenti talbu wkoll rimedji effettivi u kumpens xieraq.

«… … …

«Din il-qorti sejra tagħmel analiżi tal-atti esebiti u tagħmel riferenza għal dawk minnhom li fil-fehma tagħha huma rilevanti għall-fini tal-istanza tar-rikorrenti:-

«1) Fl-10 ta' Lulju 1997, ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża ċitaz nru. 135/1997 kontra l-intimati Camilleri, Gatt u Muscat. Il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat (illum Imħallef) Michael Mallia.

«2) Fis-17 ta' Lulju 1997, iċ-ċitazzjoni ħarġet għan-notifika lill-konvenuti. L-ewwel dehra tal-kawża kienet appuntata għall-udjenza tas-27 ta' Novembru 1997.

«3) Il-konvenuti kollha ppreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet waħda fil-11 ta' Awissu 1997.

«4) Mill-udjenza tas-27 ta' Novembru 1997, il-kawża baqgħet għall-udjenza tal-10 ta' Marzu 1998 għall-provi tal-atturi. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti kienet eċċepita n-nullità taċ-ċitazzjoni għaliex l-atturi ma ddikjarawx fir-rigward ta' kull xhud x'fatti u xi prova kien beħsiebhom jagħmlu bix-xhieda tagħhom. Għalhekk *in vista* ta' dik l-eċċezzjoni, fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 1998,

il-qorti ordnat lill-atturi sabiex sal-udjenza ta' wara u *cioè* dik tat-23 ta' Ġunju 1998 l-atturi jippreżentaw nota fejn jindikaw l-oġġett tal-prova li riedu jagħmlu b'kull xhud li huma indikaw. U hekk sar. Tant li l-konvenuti rtiraw dik l-eċċezzjoni preliminari. Il-kawża baqgħet imbagħad għad-19 ta' Novembru 1998 għall-produzzjoni ta' dokumenti.
«5) Fit-30 ta' April 1998, l-atturi ppreżentaw rikors sabiex *in vista* tal-mewt tal-attur Nazzareno Camilleri fil-15 ta' April 1998, talbu li l-atti fil-każ tiegħu jiġu trasfużi f'isem l-armla tiegħu u wliedu. B'digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 1998, il-qorti laqgħet it-talba.
«6) Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 1998, ma setgħux jinstemgħu provi għaliex mar id-dawl fil-qorti u għalhekk il-kawża baqgħet għall-25 ta' Marzu 1999.
«7) Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 1999, ma sarx smigħ ta' provi u l-kawża baqgħet għall-21 ta' Ottubru 1999.
«8) L-udjenza tal-21 ta' Ottubru 1999 kienet differita għat-30 ta' Novembru 1999 wara talba mill-atturi.
«9) Fil-21 ta' Ottubru 1999, kienet preżentata x-xiehda tal-attur Anthony Camilleri bil-proċedura tal-*affidavit*.
«10) Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 1999, ma sarx smigħ ta' provi wara senjalazzjoni mid-difensur tal-atturi u l-kawża baqgħet għas-6 ta' April 2000.
«11) Fl-udjenza tas-6 ta' April 2000, sar smigħ ta' provi u l-kawża baqgħet għat-12 ta' Ottubru 2000.
«12) Fit-28 ta' Settembru 2000, il-konvenuti ppreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.
«13) Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2000, l-atturi talbu l-isfilz ta' dik in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri billi l-preżentata tagħha ma kenitx awtorizzata mill-qorti skond il-ligi, liema talba kienet miċhuda mill-qorti permezz ta' digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2000. Il-kawża baqgħet għall-15 ta' Frar 2001.
«14) B'rikors tagħhom tat-22 ta' Novembru 2000, l-atturi talbu lill-qorti sabiex tiċhad l-eċċezzjoni tal-improsegwibilità tal-azzjoni u sabiex tirrikjama l-kawża għal data aktar viċina għaliex fil-fehma tagħhom, għalkemm il-kawża kienet ilha preżentata għal aktar minn tliet snin, ma kien sar xejn ta' sustanza dwar il-mertu minhabba l-preżentata mill-konvenuti ta' eċċezzjonijiet preliminari frivoli u vessatorji. Dwar id-data tal-kawża, din

baqgħet dik tal-15 ta’ Frar 2001. Dwar l-eċċezzjoni, il-qorti rriservat illi tipprovdi.
«15) Fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2001, il-kawża bdiet tinstema’ mill-Maġistrat Antonio Micallef Trigona iżda ma sarx smigħ ta’ provi. Il-kawża baqgħet għall-21 ta’ Ġunju 2001.
«16) Fl-udjenza tal-21 ta’ Ġunju 2001, kien trattat ir-rikors tal-atturi tat-22 ta’ Novembru 2000 u l-kawża baqgħet għal provvediment dwar dak ir-rikors għall-5 ta’ Ottubru 2001.
«17) Fit-12 ta’ Lulju 2001, l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu li jippreżentaw nota ta’ osservazzjonijiet. It-talba kienet milqugħa u d-data għall-għoti tal-provvediment kienet spostata għas-26 ta’ Ottubru 2001.
«18) Il-provvediment ma ngħatax fl-udjenza tas-26 ta’ Ottubru 2001 u f’dik ta’ wara tat-18 ta’ Jannar 2002 iżda ngħata fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 2002 fejn il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni, ħalliet il-kawża *sine die* riappuntabbli minn kull parti fil-kawża fuq rikors opportun jekk mar-rikors ikun hemm il-prova li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta’ Ursola Camilleri u l-prova li tħallset it-taxxa sa mhux aktar tard mit-8 ta’ Awissu 2002.
«19) Fis-27 ta’ Frar 2002, l-atturi appellaw minn dan il-provvediment.
«20) Fid-9 ta’ Frar 2004, l-atturi ċedew l-appell sabiex jirregolaw ruħhom aħjar.
«21) Fis-27 ta’ April 2004, l-atturi talbu r-riappuntament tal-kawża.
«22) Il-kawża kienet riappuntata għat-22 ta’ Ottubru 2004 fejn il-qorti ħalliet il-kawża għat-12 ta’ Jannar 2005 sabiex tiġi pruvata, trattata u d-deċiża l-ewwel talba.
«23) Fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2005, l-atturi ma ressqux provi u l-kawża tħalliet għat-8 ta’ April 2005.
«24) L-istess ġara fl-udjenza tat-8 ta’ April 2005 meta l-kawża baqgħet għat-23 ta’ Settembru 2005.
«25) L-atturi ma opponewx it-talba tal-konvenuti għal differiment tal-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2005 billi d-difensur tagħhom kien se jkun imsiefer fuq xogħol. Il-kawża baqgħet għas-27 ta’ Jannar 2006.
«26) Fl-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2006, il-qorti tat lill-atturi terminu perentorju sat-28 ta’ Frar 2006 sabiex jippreżentaw l-*affidavits* tagħhom u ħatret lill-assistent

ġudizzjarju tagħha sabiex quddiemu jkomplu jinstemgħu l-provi. Il-kawża baqgħet għat-2 ta' Ġunju 2006.
«27) Fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2006, l-atturi rrinunzjaw għall-ewwel talba. Il-qorti hatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jagħmel stima tal-fondi mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-kawża baqgħet għas-27 ta' Ottubru 2006.
«28) Saru udjenzi fis-27 ta' Ottubru 2007 u fit-13 ta' April 2007. F'din tal-aħħar, il-qorti kienet presjeduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Anthony Ellul u dderiġiet lill-partijiet dwar il-provi li kellhom jitressqu quddiem il-perit tekniku in partikolari dwar il-lista tal-immobbli li kellhom jiġu stmati mill-perit tekniku.
«29) Fis-16 ta' April 2007, il-qorti tat digriet fejn irrilevat illi kien l-aġir tal-partijiet stess illi kien qiegħed jikkawża dewmien fil-proċeduri billi kienu naqsu milli jgħaddu tagħrif lill-perit tekniku sabiex jaqdi l-inkariku tiegħu. Għalhekk il-qorti speċifikat dak li kellu jkun hemm fil-lista li kull parti kellha tħejji, lista li kellha tkun konfermata bil-ġurament.
«30) Fil-25 ta' April 2007, il-konvenuti ppreżentaw rikors fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lill-qorti sabiex tissospendi l-inkariku tal-perit tekniku u tillimita s-smigħ tal-provi għat-tieni eċċezzjoni ulterjuri tagħhom.
«31) Fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2007, l-atturi talbu aktar żmien sabiex joqogħdu għad-digriet tas-16 ta' April 2007, talba li kienet milqugħa mill-qorti b'estensjoni fit-terminu ta' għaxart ijiem. Talbu wkoll żmien għaxart ijiem sabiex jiġu assunti l-atti tal-attriċi Carmen Xuereb li kienet assenti minn dawn il-Gżejjer kif ukoll sabiex jippreżentaw in-nota li biha l-istess attriċi rrinunzjat għall-wirt ta' Ursola Camilleri.
«32) Fil-21 ta' Mejju 2007, il-qorti tat digriet dwar ir-rikors tal-konvenuti tal-25 ta' April 2007 fejn ċahdet it-talba tagħhom għas-sospensjoni tal-inkariku tal-perit tekniku, estendiet għall-aħħar darba t-terminu lill-konvenuti sabiex iressqu l-lista tal-proprjetà skond id-digriet tas-16 ta' April 2007 u ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi bl-*affidavit* dwar it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tagħhom sal-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2007.
«33) Mill-atti esebiti ma jirriżultax il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2007.
«34) Fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2007, il-qorti rregolat l-għeluq tal-provi tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni ulterjuri u ħalliet il-kawża għas-27 ta' Ottubru 2007.

«35) Fid-29 ta’ Lulju 2007, il-perit tekniku aċċeda fil-fondi indikati lilu.
«36) Fl-udjenza tad-19 ta’ Ottubru 2007, il-konvenuti rrinunzjaw għat-tieni eċċezzjoni ulterjuri. Wara li kien reġistrat qbil bejn il-partijiet illi fl-2007 l-atturi kollha kienu rrinunzjaw għall-eredità ta’ Ursola Camilleri, il-konvenuti talbu li jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri dwar karenza ta’ interess ġuridiku tal-atturi. Din l-eċċezzjoni kienet preżentata dakinhar stess u l-kawża tħalliet għas-16 ta’ Novembru 2007.
«37) Fit-13 ta’ Novembru 2007, l-atturi ppreżentaw nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri li kienet preżentata fid-19 ta’ Ottubru 2007.
«38) Fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2007, wara li d-difensur tal-atturi ddikjara illi n-nota ta’ rinunzja tal-wirt mill-atturi ma kellha l-ebda validità u wara li ddikjara li huma kienu qegħdin jaġixxu bħala l-eredi ta’ Ursola Camilleri, il-qorti halliet il-kawża għall-11 ta’ Jannar 2008 għall-eżami tan-nota responsiva illi l-qorti ordnat lill-konvenuti biex jippreżentaw.
«39) In-nota responsiva tal-konvenuti kienet preżentata fl-14 ta’ Diċembru 2007.
«40) Fil-11 ta’ Jannar 2008, il-qorti tat digriet fejn idderiġiet lill-perit tekniku sabix ma jkomplix bl-inkariku tiegħu sakemm tkun deċiża l-eċċezzjoni ulterjuri tal-karenza ta’ interess.
«41) Fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2008, il-kawża tħalliet għall-15 ta’ Frar 2008 sabiex id-difensuri tal-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet bil-fomm dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.
«42) Fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2008 saru l-aħħar sottomissjonijiet u l-kawża baqgħet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri għall-21 ta’ April 2008.
«43) Is-sentenza ma ngħatatx fil-21 ta’ April 2008. Lanqas fl-udjenza ta’ wara u *cioè* tas-7 ta’ Mejju 2008 iżda ngħatat fis-seduta ta’ wara dik u *cioè* fit-23 ta’ Mejju 2008 fejn il-qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.
«44) Fid-29 ta’ Mejju 2008, il-konvenuti talbu permess lill-qorti sabiex jappellaw mis-sentenza.
«45) Fl-udjenza tat-13 ta’ Gunju 2008 kien trattat ir-rikors li għalih l-atturi wieġbu bil-miktub fl-10 ta’ Gunju 2008.

«46) Il-qorti tat permess li jsir appell fit-13 ta’ Gunju 2008. Fil-provvediment tagħha il-qorti qalet hekk –

«“Hu minnu li din il-kawża ilha li bdiet mill-1997 u l-progress hu wieħed bil-mod ħafna. Sfortunatament s’issa ntilef ħafna żmien fuq punt preliminari u wara li l-atturi ppreżentaw appell mis-sentenza parzjali li ngħatat fit-8 ta’ Ottubru 2002 għażlu li jċedu l-appell u fit-2 ta’ Ġunju 2006 ippreżentaw nota li biha rtiraw l-ewwel talba. Madankollu fil-fehma tal-qorti jkun opportun li l-appell li jridu jagħmlu l-konvenuti mis-sentenza parzjali tat-23 ta’ Mejju 2008 isir f’dan l-istadju u b’hekk jiġi determinat darba għal dejjem l-eċċezzjoni ulterjuri li ġiet sollevata mill-konvenuti. M’hemmx dubju li d-deċiżjoni ser tinċidi fuq l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri u għalhekk meqjus ukoll l-ispejjeż konsiderevoli (meħud in konsiderazzjoni l-entità tal-patrimonju li kellha d-*de cujus*) li għad iridu jsiru fir-rigward tal-inkarigu mogħti lill-perit tekniku, ikun utli li jkun hemm ġudikat fuq il-kwistjoni trattata u deċiża permezz tas-sentenza mogħtija fit-23 ta’ Mejju 2008.”

«47) Wara t-13 ta’ Ġunju 2008, il-kawża fl-ewwel istanza baqgħet tiġi differita sakemm kienet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta’ Settembru 2009. Fl-udjenza tal-10 ta’ Novembru 2009, il-kawża kienet kanċellata wara li skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienu miċħuda t-talbiet attriċi.

«48) Fl-istadju tal-appell, il-kawża kienet appuntata għas-smigħ fl-1 ta’ Ġunju 2009. It-trattazzjoni saret f’dik l-istess udjenza u tħalliet għas-sentenza in difett ta’ ostakolu għat-18 ta’ Settembru 2009. Il-kawża kienet deċiża fit-23 ta’ Settembru 2009.

«… … …

«Ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-istanza tagħhom fuq l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“il-Konvenzjoni”) li tagħmel parti mil-liġi tagħna bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

«Għall-fini tal-kawża tallum, il-parti rilevanti ta’ dan l-artikolu huwa l-ewwel subinċiż (1) li jaqra hekk -

«“Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u

l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

«… … …

«Il-ġurisprudenza tgħallimna li sabiex wieħed jiddeċiedi dwar talba bħal dik intavolata mir-rikorrenti fil-kawża tallum, il-qorti trid teżamina l-assjem tal-atti fil-proċediment in kwistjoni, li sintesi tiegħu diġà ġiet senjalata minn din il-qorti. Irid isir ukoll apprezzament tal-imġieba tar-rikorrenti nfushom sabiex ikun stabbilit jekk il-komportament tagħhom setax wassal sabiex l-*iter* jieħu l-isvolta li fil-fatt ħa fil-kawża tallum.

«Dan qiegħed jingħad għaliex meta jiġi allegat li ż-żmien li ttieħed sabiex tiġi deċiża kawża ma kienx raġjonevoli, il-fattur taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt, imma fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ (ara Applik. Nru. 1103/61 kontra l-Belġju).

«… … …

«Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċe tal-kawża tallum, din il-qorti tgħid illi hija fattwalment riduttiva jekk mhux skorretta l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi l-kawża l-oħra ħadet tnax-il sena sabiex tkun deċiża fuq punt preliminari. Dan huwa apprezzament insensittiv, magħluq u ferm inġust tal-fatti kif svolgew.

«Il-kawża mxiet fuq il-binarji li tawha l-atturi. Il-konvenuti ddefendew ruħhom b'eċċezzjonijiet preliminari, b'oħrajn fil-mertu u b'ohrajn ulterjuri. Ma jirriżulta l-ebda dewmien bejn id-data tal-preżentata tal-kawża u d-data tal-ewwel appuntament tagħha. L-ewwel intopp ħolquh ir-rikorrenti stess meta għax ma indikawx l-oġġett tal-prova li riedu jottjenu mix-xhieda li indikaw (*del resto* kif tgħid il-liġi) skattaw eċċezzjoni preliminari. Wara li l-atturi ottemperaw ruħhom, il-konvenuti rrinunzjaw għall-eċċezzjoni. Intant kienet għaddiet kważi sena mill-preżentata taċ-ċitazzjoni.

«Fil-mori tal-kawża, miet l-attur Nazzareno Camilleri u għalhekk kellha ssir it-trasfużjoni tal-atti.

«Il-kawża tħalliet għall-ġbir tal-provi b'effett mill-udjenza tad-19 ta' Novembru 1998. L-atturi ressqu l-ewwel provi

tagħhom kważi sena wara fil-21 ta' Ottubru 1999 bil-preżentata tax-xiehda bl-*affidavit* tal-attur Anthony Camilleri. Xi provi oħra nstemgħu fl-udjenza tas-6 ta' April 2000.

«Kien fit-28 ta' Settembru 2000 li l-konvenuti ppreżentaw l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tagħhom. L-atturi rregistraw l-oppożizzjoni tagħhom għall-preżentata ta' din in-nota fit-12 ta' Ottubru 2000. Il-qorti tat provvediment fit-30 ta' Ottubru 2000.

«Fit-22 ta' Novembru 2000, l-atturi talbu lill-qorti sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-improsegwibilità tal-azzjoni u sabiex tirrikjama l-kawża għal data aktar viċina għaliex fil-fehma tagħhom għalkemm il-kawża kienet ilha preżentata għal aktar minn tliet snin, ma kien sar xejn ta' sustanza dwar il-mertu minħabba l-preżentata mill-konvenuti ta' eċċezzjonijiet preliminari frivoli u vessatorji. Dwar id-data tal-kawża, din baqgħet dik tal-15 ta' Frar 2001. Dwar l-eċċezzjoni, il-qorti rriservat illi tipprovdi.

«Fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2001, kien trattat ir-rikors tal-atturi tat-22 ta' Novembru 2000 u l-kawża baqgħet għal provvediment. Fit-12 ta' Lulju 2001, l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu li jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet. It-talba kienet milqugħa u d-data għall-għoti tal-provvediment kienet spostata għas-26 ta' Ottubru 2001. Fil-fatt il-provvediment ingħata fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2002 fejn il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni, ħalliet il-kawża *sine die* riappuntabbli minn kull parti fil-kawża fuq rikors opportun jekk mar-rikors ikun hemm il-prova li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Ursola Camilleri u l-prova li tħallset it-taxxa sa mhux aktar tard mit-8 ta' Awissu 2002.

«Fis-27 ta' Frar 2002, l-atturi appellaw minn dan il-provvediment. Il-kawża għalhekk kellha tieqaf sakemm tistenna l-eżitu tal-appell. Kważi sentejn wara, u *cioè* fid-9 ta' Frar 2004, l-atturi ċedew l-appell u xagħrejn wara talbu r-riappuntament tal-kawża.

«Il-kawża kienet riappuntata għat-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-qorti ħalliet il-kawża għat-12 ta' Jannar 2005 sabiex tiġi pruvata, trattata u d-deċiża l-ewwel talba. *Ciò nonostante*, l-atturi ma ressqux provi u l-kawża tħalliet għat-8 ta' April 2005. L-istess ġara fl-udjenza tat-8 ta' April 2005 meta l-kawża baqgħet għat-23 ta' Settembru 2005. Tul l-*iter* kollu jirriżulta li kien biss darba li l-konvenuti talbu differiment u

dan kien relattiv għall-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2005, talba li ma kinitx opposta mill-atturi.
«Billi l-atturi baqgħu ma ressqux provi, il-qorti tat lill-atturi terminu perentorju sat-28 ta’ Frar 2006 sabiex jippreżentaw l-*affidavits* tagħhom u ħatret lill-assistent ġudizzjarju tagħha sabiex quddiemu jkomplu jinstemgħu l-provi. Il-kawża baqgħet għat-2 ta’ Ġunju 2006.
«Għalkemm il-provi kellhom ikunu dwar l-ewwel talba, l-atturi rrinunzjaw għall-ewwel talba fl-udjenza tat-2 ta’ Ġunju 2006. Anke hawn l-għażla kienet tal-atturi u għalhekk kull dewmien fil-progress tal-kawża kien imputabbli lilhom. Il-qorti hatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jagħmel stima tal-fondi mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-kawża baqgħet għas-27 ta’ Ottubru 2006.
«Fl-udjenza tat-13 ta’ April 2007, il-qorti dderiġiet lill-partijiet dwar il-provi li kellhom jitressqu quddiem il-perit tekniku in partikolari dwar il-lista tal-immobbli li kellhom jiġu stmati mill-perit tekniku. Fis-16 ta’ April 2007, il-qorti tat digriet fejn irrilevat illi kien l-aġir tal-partijiet stess illi kien qiegħed jikkawża dewmien fil-proċeduri billi kienu naqsu milli jgħaddu tagħrif lill-perit tekniku sabiex jaqdi l-inkariku tiegħu. Għalhekk il-qorti speċifikat dak li kellu jkun hemm fil-lista li kull parti kellha tħejji, lista li kellha tkun konfermata bil-ġurament.
«Fl-udjenza tat-18 ta’ Mejju 2007, l-atturi talbu aktar żmien sabiex joqogħdu għad-digriet tas-16 ta’ April 2007, talba li kienet milqugħa mill-qorti b’estensjoni fit-terminu ta’ għaxart ijiem. Talbu wkoll żmien għaxart ijiem sabiex jiġu assunti l-atti tal-attriċi Carmen Xuereb li kienet assenti minn dawn il-Gżejjer kif ukoll sabiex jippreżentaw in-nota li biha l-istess attriċi rrinunzjat għall-wirt ta’ Ursola Camilleri.
«Fil-21 ta’ Mejju 2007, il-qorti tat digriet fejn *inter alia* ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi bl-*affidavit* dwar it-tieni eċċezzjoni ulterjuri. Fl-udjenza tad-19 ta’ Ottubru 2007, il-konvenuti rrinunzjaw għat-tieni eċċezzjoni ulterjuri. Fl-istess udjenza, kien reġistrat qbil bejn il-partijiet illi fl-2007 l-atturi kollha kienu rrinunzjaw għall-eredità ta’ Ursola Camilleri. *In vista* ta’ dan, il-konvenuti talbu li jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri dwar karenza ta’ interess ġuridiku tal-atturi. Din l-eċċezzjoni kienet preżentata dakinhar stess u l-kawża tħalliet għas-16 ta’ Novembru 2007.

«Huwa evidenti li din l-eċċezzjoni ulterjuri ħolqot problemi legali serji għall-istanza attriċi kif kienet oriġinarjament impostata. Għalhekk fit-13 ta' Novembru 2007, l-atturi ppreżentaw nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2007, id-difensur tal-atturi stess ikkontesta l-validità tan-nota ta' rinunzja tal-atturi għall-wirt ta' Ursola Camilleri, svolta ohra imprevista li kompliet tħabbel il-kobba ta' każ li kien diġà kompless mill-bidu nett. Il-konvenuti ppreżentaw nota responsiva fl-14 ta' Diċembru 2007. Fludjenza tal-15 ta' Frar 2008 saru l-aħħar sottomissjonijiet u l-kawża baqgħet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri għall-21 ta' April 2008. Is-sentenza ngħatat fit-23 ta' Mejju 2008.

«Billi l-esitu kien sfavorevoli għall-konvenuti, huma talbu permess li jappellaw. Il-permess ingħata u l-appell sar. L-appell instema' fl-1 ta' Ġunju 2009 u kien deċiż fit-23 ta' Settembru 2009 kontra l-atturi.

«*In vista* ta' din l-aħħar svolta, intemm il-proċediment fl-ewwel istanza.

«Fl-isfond ta' dan kollu, din il-qorti ma tara l-ebda ġustifikazzjoni fl-istanza tar-rikorrenti. Il-proċediment ħa ż-żmien biex wasal għall-konklużjoni tiegħu però dan ċertament ma kienx imputabbli għall-mod kif kien kondott il-każ mill-qorti tenut kont li l-qorti kienet tempestiva fid-direzzjonijiet li tat lill-partijiet, pronta fil-provvedimenti tagħha, u rispettuza tal-prinċipju illi sentenza tingħata fi żmien raġonevoli.

«L-istess jista' jingħad għall-konvenuti. Iddefendew ruhhom assidwament kontra l-istanza attriċi u l-eċċezzjonijiet illi ressqu kienu kollha skond il-liġi. Fil-każ tal-aħħar eċċezzjoni, li kienet ulterjuri, u li skattat unikament minħabba l-komportament proċesswali tal-atturi, il-konvenuti ngħataw raġun mill-Qorti tal-Appell.

«L-istess ma jistax jingħad dwar l-atturi. Kellhom kobba mħabbla qabel daħlu għall-kawża. Immanifestaw inċertezza mill-bidu nett meta bdew iġibuha bit-tul biex iressqu l-provi. Saħansitra ngħataw terminu perentorju biex iressqu l-provi tagħhom bil-proċedura tal-*affidavit*. Inċjampaw f'eċċezzjonijiet prinċipali u ulterjuri ta' natura legali intrikata li kkostrinġewhom ibiddlu direzzjoni fil-kawża. Ittentaw appell, ħallew il-kawża wieqfa għal sentejn, imbagħad ċedew l-appell. Ippreżentaw noti ta'

rinunzja tal-wirt ta' Ursola Camilleri biex imbagħad daru dawra madwarhom u stqarrew quddiem il-qorti li dawk in-noti ta' rinunzja ma kinux validi. Dan huwa assjem ta' fatti illi mhux biss ħoloq inċertezza bla bżonn, mhux biss ħoloq kambjamenti bruski u inaspettati fid-direzzjoni tal-kawża, iżda wassal għal *iter* li ħa fit-tul, fiċ-ċirkostanzi għal żmien mhux irraġonevoli, unikament minħabba l-konfużjoni li ħolqu r-rikorrenti stess. Kif ingħad fis-sentenza tal-qorti ta' Strasbourg fil-każ ta' Ringeisen (tas-16 ta' Lulju 1971) – "*An attitude or behaviour of the person in question which has led to delay weakens his complaint about delay*". Li ċertament irriżulta fil-każ tallum huwa li t-tul li ħa l-każ biex jiġi deċiż ma kienx attribwibbli lill-Istat. Għalhekk din il-qorti ssib li ma kien hemm l-ebda ksur tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.»

8. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-11 ta' April 2012. L-aggravju tagħhom essenzjalment huwa dwar l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-ewwel qorti. Ifissru l-aggravji tagħhom hekk:

«Illi l-esponenti jhossu li l-ewwel onorabbli qorti kienet għal kollox inġusta fil-konfront tal-esponenti li minkejja li apprezzat li "l-proċediment ħa ż-zmien biex wasal għall-konkluzjoni tiegħu", tefgħet it-tort kollu ta' dan fuq l-esponenti fuq il-mod illi bih dawn mexxew il-kawża proprju bħallikieku l-andament tal-kawza kienet xi haga li tiddependi esklussivament minnhom. Kienet konsegwentement inġustifikata l-ewwel onorabbli qorti anke meta, bir-rispett kollu dovut, f'nifs wieħed tammetti ċertu dewmien fil-proċeduri filwaqt illi tgħid ukoll illi "dan ċertament ma kienx imputabbli għall-mod kif kien kondott il-każ mill-qorti tenut kont li l-qorti kienet tempestiva fid-direzzjonijiet li tat lill-partijiet, pronta fil-provvedimenti tagħha, u rispettuża tal-prinċipju illi sentenza tingħata fi żmien raġonevoli (...) Li ċertament jirriżulta fil-każ tallum huwa li t-tul li ħa l-każ biex jiġi deċiż ma kienx attribwibbli lill-istat".

«Illi l-esponenti huma tal-umli fehma li f'dan l-istadju, tenut kont tal-fatt li l-istess ewwel onorabbli qorti kienet waslet għall-konkluzjoni li kien hemm ċertu dewmien fl-andament tal-proċeduri, din kellha minnufih tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi u fil-fatt tagħti dawk il-provvedimenti opportuni sabiex jiġi rimedjat il-ksur tad-dritt fundamentali

tal-esponenti għas-smigħ xieraq. Dan qed jingħad għaliex huwa inverosimili li wara li jiġi aċċertat li l-proċedura kienet dewmiena, wieħed jipprova jiddetermina liema mill-partijiet pruvat ittawwal il-proċedura bħallikieku anki jekk dan kien il-każ il-qorti li quddiemha kien qed jinstema' dak l-każ – u kwindi l-istat – ma jibqgħux aktar responsabbli għall-fatt illi, fl-ewwel lok, ikunu ippermettew tali dewmien tkun xi tkun il-kawża tiegħu. Hija l-umli fehma tal-esponenti li l-ebda tribunal jew qorti ma jista' b'dan il-mod jitħalla jabdika mir-rwol kostituzzjonali tiegħu bħala sede ġudizzjarja billi tali rwol neċessarjament jikkomprendi wkoll ir-regolament tal-proċeduri u wkoll it-tul illi jieħdu tali proċeduri sabiex jiġu determinati finalment.

«Illi, fuq kollox, lanqas ma jista' jiġi tollerat li l-qorti tieħu pożizzjoni passiva fil-konfront tal-partijiet jew, kif bosta drabi jkun il-każ, fil-konfront tad-difensuri legali tal-istess – ikunu dawn min ikunu – u tħalli li xi parti jew oħra tapprofitta ruħha minn tali passività billi ttawwal il-proċeduri inutilment. Ma jista' bl-ebda mod jiġi ġustifikat li, per eżempju, jintalbu differimenti b'mod regolari mingħajr raġuni valida jew li jintilef ħafna żmien f'"kambjamenti bruski u inaspettati fid-direzzjoni tal-kawża" kif riskontrat l-ewwel onorabbli qorti fil-kawża mertu tal-proċedura odjerna b'tali mod li l-*iter* ġudizzjarju jiġi ridott għar-redikolu minn parti jew oħra. F'każ illi jsir dan, u f'kaz li l-qorti ma tkunx f'pożizzjoni li tirregola l-proċedura li tkun qed issir quddiemha – jekk hemm bżonn anke billi timponi miżuri gravi u perentorji fuq parti jew oħra, kif illum il-ġurnata jsir regolarment – f'każ li parti jew oħra titħalla ttawwal il-proċeduri inutilment mingħajr ma jiġu imposti ebda sanzjonijiet, il-qorti u kwindi l-istat ma jistax wara jinħeba wara subgħajh billi jitfa' t-tort fuq parti jew oħra fil-proċeduri. Jekk l-istat jippermetti li proċedura tieħu t-tul, jekk l-istat jippermetti li parti jew oħra ttawwal il-proċedura lil hinn minn dak li huwa raġjonevoli, ma jistax ma jiġix ukoll kunsidrat responsabbli għal tali dewmien proprju għaliex huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull ċittaddin li jkollu smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli u huwa kwindi l-oneru tal-istat u kwindi tal-qorti li tkun qed tisma' l-każ li tirregola l-proċeduri b'rispett lejn dan. Huwa naturali li jekk dan ma jsirx, tkun xi tkun ir-raġuni u tkun min tkun

il-parti responsabbli għal tali dewmien mhux ġustifikat, l-istat għandu jaħti wkoll. … … …»

9. Imbagħad igħaddu biex jelenkaw numru ta' episodji proċedurali illi, fil-fehma tagħhom, juru illi kienet il-qorti li kienet taħti għad-dewmien fil-kawża ċivili, u jkomplu hekk:

«Illi bir-rispett dovut il-kronoloġija surreferita tikxef l-andament tal-kawża msemmija bħala wieħed nieqas għal kollox minn kull sens ta' direzzjoni fejn il-proċess għadda minn taħt tliet maġistrati differenti, *oltre* milli quddiem l-assistent ġudizzjarju fejn għal snin twal id-differimenti ma kinux ta' inqas minn tliet xhur u f'xi każijiet saħansitra għaddew sitt xhur bejn seduta u oħra, fejn il-verbali kienu presokkè inutili u ma jagħtu ebda direzzjoni speċifika lill-kawża li ġiet ulterjorment kumplikata minn żewġ noti tal-eċċezzjonijiet ulterjuri mressqin mill-intimati fi stadju differenti. Bir-rispett dovut lejn is-sentenza appellata proċedura ta' dan it-tip ma tista' qatt tiġi tollerata anke għaliex min finalment ġie preġudikat minn atteġjament bħal [dan] kienu biss l-esponenti li tilfu l-kawża tagħhom fl-istadju tal-appell. Għandu jiġi rilevat ukoll li wara din il-proċedura l-esponenti pproċedew għal-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima spettanti lilhom u f'dawn il-proċeduri l-intimati Camilleri, Gatt u Muscat ressqu saħansitra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'tali mod li, skond huma, l-esponenti tilfu d-dritt tagħhom li jitolbu l-leġittima minħabba d-dewmien f'dawn il-proċeduri. Għalhekk ukoll il-problema tal-proċedura f'Għawdex m'hijiex sempliċement waħda ta' dewmien *sic et simpliciter* imma ta' dewmien li, skond l-istess intimati, kellu l-effett li saħansitra jannulla d-dritt għal-leġittima tal-esponenti fil-konfront tal-wirt ta' ommhom stess.

«Illi l-esponenti huma wkoll tal-umli fehma li għal snin twal il-kawza surreferita ġiet immexxija b'mod li huwa fil-fatt eżempju ta' kif kawża ta' dan it-tip m'għandhiex timxi. Id-differimenti f'kawża ma jistgħux ikunu twal sitt xhur jew ħamsa. Il-partijiet m'għandhomx jitħallew mingħajr direzzjoni dwar min imissu jressaq ix-xhieda tiegħu sempliċement billi jsir verbal b'differiment għall-kontinwazzjoni. Il-qorti għandha tinvestiga l-punti mressqin quddiemha b'mod regolari u mhux twassal għal aktar dewmien billi tistenna lill-partiiiet ifakkruha jew jiġbdulha l-attenzjoni għal dak li suppost kellu jiġi deċiż

minnha. Il-partiiiet m'għandhomx jiġu sottoposti għal sitwazzjoni fejn min għandu jiddeċiedi l-kawża fuq il-provi u s-sottomissionijiet mismugħa jinbidel darbtejn. Dan kollu u aktar seħħ matul il-kors ta' dawn il-proċeduri.

«Illi wieħed ihoss li minflok il-qorti mexxiet il-kawza hi b'ordni u b'sekwenza fl-aħjar interess tal-ġustizzja ħalliet lil min imexxiha b'tali mod li l-proċess gie inġustament stultifikat konsiderando wkoll in-natura tassew sempliċi tal-kawża u l-urġenza li biha kawża ta' din ix-xorta għandha tinstema' kunsidrat ukoll il-fatt li kienet tirrigwarda deċiżjoni dwar jekk id-disposizzjonijiet testamentarju qabżux is-sehem riżervat u kwindi l-likwidazzjoni tal-leġittima a favur tal-esponenti. Tassew li kieku l-kawża mxiet permezz ta' seduti regolari kif suppost isir u kif sar tassew wara li ġie appuntat il-Maġistrat Ellul u kieku l-qorti tassew kellha interess li tiddeċiedi l-kawża fl-iqsar żmien possibbli u b'ġustizzja fil-konfront tal-partijiet kollha involuti, il-materja li fil-fatt ġiet deċiża kienet toħroġ u tiġi diskussa u kwindi deċiża ferm qabel mingħajr ma tippreġudika ulterjorment id-drittijiet tal-esponenti bħala leġittimarji. L-esponenti ma jistgħux ma jilmentawx il-fatt li minkejja d-dewmien ta' żmien għadhom sallum ma raw l-ebda ġustizzja mill-qrati tant illi għadhom ma gawdew xejn mill-wirt t'ommhom erbatax-il sena wara li din ġiet nieqsa u kif jingħad hawn f dik il-proċedura – apparti eċċezzjonijiet ta' natura kostituzzjonali – tressqet ukoll eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Lanqas ma jista' wieħed ma jqabbilx il-mod li bih kienet qed titmexxa l-kawza qabel il-ħatra tal-Maġistrat Ellul ma' dak li kien ilu jiġri snin kif jirriżulta mill-verbali tal-istess kawża. Huwa deċiżament inġust li partijiet f'kawża jkollhom jissokkombu għal sistema li fiha ma jiġi reġistrat l-ebda progress. Il-ħatra tal-Maġistrat Ellul huwa prova ċara ta' dan għaliex minnufih wieħed jara d-differenza fil-metodu li ġabet riżultati tajbin, jekk xejn, fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Sfortunatament l-istsss maġistrat ġie nominat lejn tmiem il-vertenza u mhux qabel meta tali nomina fuq il-każ setgħet twassal sabiex l-esponenti ma jsofrux il-preġudizzju li sofrew permezz ta' din il-kawża.

«… … …

«Illi issa huwa minnu wkoll li l-aġir tar-rikorrenti fil-proċeduri huwa wkoll relevanti però, kif jinsab deċiż,

kollox għandu jiġi meqjus skond it-test tar-raġjonevolezza. Jekk l-esponenti kienu jaħtu għal tliet differimenti meta dawn naqsu milli jressqu l-provi tagħhom dan m'għandux ifisser li t-tort kollu ta' proċedura li ħadet tnax-il sena sabiex tiddetermina punt preliminari tiġi miftugħa awtomatikament fuq ir-rikorrenti. Mhux kull nuqqas da parti tar-rikorrenti jista' jintuża bħala skuża sabiex ma jiġix dikjarat li fil-konfront ta' tali parti ma ġiex rispettat id-dritt ta' smigħ xieraq. … … …»

10. Jagħalqu l-argumenti tagħhom hekk:

«Illi permezz tal-kawża odjerna dina l-onorabbli qorti ntalbet tikkunsidra jekk fil-fatt il-proċeduri surreferiti damux *oltre* żmien raġjonevoli sabiex ġew finalment deċiżi. F'dan ir-rigward lanqas jistgħu l-esponenti jifhmu kif minkejja li l-ewwel onorabbli qorti ġustament dehrilha li kien hemm dewmien fil-proċeduri waslet finalment għall-konklużjoni li tenut kont taċ-ċirkostanzi tali dewmien ma kienx wieħed irraġjonveli. Bħala fatt jirriżulta ċar li punt ta' natura preliminari tqajjem wara li tressqet it-tielet nota tal-eċċezzjonijiet u li l-kawża ġiet deċiża fuq dan il-punt tnax-il sena wara li nfetaħ il-każ. Frankament, l-esponenti ftit jistgħu jimmaġinaw sitwazzjoni fejn id-dewmien ikun wieħed aktar assurd u irraġjonevoli minn hekk.»

11. L-Avukat Ġenerali wieġeb fit-18 ta' April 2012 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. Il-konvenuti l-oħra wieġbu fil-15 ta' Mejju 2012 u wkoll fissru għala l-appell għandu jiġi miċħud.

12. L-ewwel qorti osservat – ġustament – "illi hija fattwalment riduttiva jekk mhux skorretta l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi l-kawża l-oħra ħadet tnax-il sena sabiex tkun deċiża fuq punt preliminari. Dan huwa apprezzament insensittiv, magħluq u ferm inġust tal-fatti kif svolgew". L-istess jista' jingħad b'mod aktar ġenerali għall-argumenti kollha mressqa mill-atturi fir-rikors tal-appell tagħhom. B'għażla selettiva tal-fatti u b'interpretazzjoni mgħawġa li jagħtu lil dawk il-fatti jfittxu li jitfgħu fuq ħaddieħor ħtija li hija kollha kemm hi tagħhom.

13. Bla ma terġa' tagħmel analiżi tal-*iter* proċesswali, li ġà sar tajjeb ħafna mill-ewwel qorti, din il-qorti madankollu ma tistax ma tagħmilx dawn l-osservazzjonijiet dwar episodji partikolari matul il-mixi tal-kawża.

14. Kienu l-atturi li għażlu, mill-bidunett, li jmexxu l-kawża b'indifferenza meta ma fissrux l-oġġett tal-prova li riedu jagħmlu b'kull xhud li riedu jressqu, bi ksur ta' dak li jgħid u jrid 156(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalkemm ingħatat eċċezzjoni formali dwar dan in-nuqqas, kien biss aktar minn ħdax-il xahar wara illi irrimedjaw għalih. Issa jgħidu illi l-qorti kien imissha timponi "miżuri gravi u perentorji" fuqhom. Forsi l-qorti kien messha laqgħet l-eċċezzjoni, tefgħet il-kawża 'l barra biex hekk tkun idisponiet minnha f'anqas minn sena, u l-atturi kienu jilmentaw minn nuqqas ta' aċċess għal qorti flok minn dewmien?

15. L-atturi u min ippatroċinahom jafu wkoll, jew imisshom jafu, illi l-liġi fiskali[2] ma tħallix li timxi kawża dwar wirt sakemm ma tkunx saret id-denunzja tat-trasmissjoni *causa mortis* u tkun tħallset it-taxxa relativa. Flok imxew kif trid il-liġi l-atturi ikkontestaw l-eċċezzjoni relativa għal dan in-nuqqas tagħhom, appellaw mid-deċizjoni li waqqfet is-smigħ tal-kawża sakemm ikun sar dak li trid il-liġi, ċedew l-appell, u kien biss fis-27 ta' April 2004 – seba' snin, tmien xhur u nofs wara li nfetħet il-kawża – illi l-atturi għarrfu lill-qorti li għamlu dak li kien imisshom għamlu qabel ma nfetħet il-kawża.

16. Sa ma saret dik id-denunzja ma seta' jsir xejn legalment fil-kawża. L-atturi jgħidu illi l-qorti kien imissha timponi "miżuri gravi u perentorji" fuqhom. Il-qorti ma setgħetx tagħmlilhom id-denunzja hi. Forsi kien messha tefgħet il-kawża 'l barra hekk kif rat illi ma kienx tħares dak li riedet il-liġi fiskali, biex l-atturi jkunu jistgħu jilmentaw minn nuqqas ta' aċċess għal qorti flok minn dewmien?

17. L-attur damu disa' snin u nofs biex jintebħu illi ma setgħux jitolbu l-ħlas tas-sehem riżervat – il-leġittima – jekk ikunu aċċettaw il-wirt. Għalhekk fit-22 u t-23 ta' Jannar 2007 irrinunzjaw għall-wirt u stennew sas-16 ta' Mejju 2007 – erba' xhur u nofs oħra – biex igħarrfu b'dan lill-qorti. L-atturi jgħidu illi l-qorti kien imissha timponi "miżuri gravi u perentorji" fuqhom. Il-qorti ma setgħetx tirrinunzja għall-wirt f'isimhom. Forsi kien messha tefgħet il-kawża 'l barra hekk kif rat illi l-atturi kienu qegħdin jitolbu s-sehem riżervat bla ma irrinunzjaw għall-wirt, biex l-atturi

[2] Art. 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti – Kap. 364.

jkunu jistgħu jilmentaw minn nuqqas ta’ aċċess għal qorti flok minn dewmien?

18. Fid-19 ta’ Ottubru 2007 ġie verbalizzat illi “hemm qbil bejn il-partijiet li matul din is-sena l-atturi kollha irrinunzjaw għall-eredità ta’ Ursola Camilleri”. Minnufih il-konvenuti talbu u ngħataw il-fakoltà li jressqu eċċezzjoni ulterjuri illi l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku fil-kawża għax (i) irrinunzjaw għall-wirt u (ii) ma għamlux it-talba għall-ħlas tas-sehem riżervat fiż-żmien li jagħti l-art. 845(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-eċċezzjoni tressqet dakinhar stess.

19. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ċaħdet l-eċċezzjoni b’sentenza mogħtija fit-23 ta’ Mejju 2008 – anqas minn sena wara li ngħatat, żmien li b’ebda mod ma jista’ jitqies li ma hux raġonevoli. Il-konvenuti appellaw b’rikors tat-3 ta’ Lulju 2008 u l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell – u hekk laqgħet l-eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-atturi – b’sentenza mogħtija fit-23 ta’ Settembru 2009, anqas minn sena u tliet xhur wara li sar l-appell, żmien li b’ebda mod ma jista’ jitqies li ma hux raġonevoli.

20. U hawn jidher kemm hija *fuorviante* – biex ma ngħidux qarrieqa – l-asserzjoni tal-atturi illi “punt ta’ natura preliminari tqajjem wara li tressqet it-tielet nota tal-eċċezzjonijiet u … l-kawża ġiet deċiża fuq dan il-punt tnax-il sena wara li nfetaħ il-każ”. Il-“punt ta’ natura preliminari” – l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess ġuridiku – ma setax tqajjem qabel ma l-atturi għażlu li jiġbdu t-tapit minn taħt saqajhom billi jirrinunzjaw għall-wirt – fil-fatt tqajjem hekk kif ġie stabilit li l-atturi hekk għamlu – u d-deċiżjoni dwaru ma setgħetx tingħata qabel ma tressqet l-eċċezzjoni. Fil-fatt, kif rajna, id-deċiżjoni – kemm fl-ewwel u kemm fit-tieni grad – ingħatat fi żmien li ma jistax jitqies li ma huwiex raġonevoli.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti ma tara ebda meritu fl-appell tal-atturi, li, anzi, tqisu bħala għalkollox frivolu u vessatorju u abbuż tal-proċess ġudizzjarju. Għalhekk tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------